MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 266/2002/1

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mitejn u tmienja u disghin lira (Lm3,298) rapprezentanti premiums dovuti fuq diversi poloz mahruga mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, liema ammont baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex is-socjeta’ konvenuta taghmel dan.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti ta’ liema gew ingunti ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat mal-avviz.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-13 ta' Novembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3298.00,0 bl-imghax legali mit-22 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-22 ta' April 2002.

Alan Calleja
Deputat Registratur